MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta’ Settembru 2018**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Spagnol)**

**Vs**

**Nicolas Jesus Rivera Cordero**
**(Karta tal-identità Ċiljana numru 18.253.644-K)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Nicolas Jesus Rivera Cordero** talli matul il-lejl ta’ bejn l-24 u l-25 ta’ Settembru 2018, fi Triq iż-Żebbuġ, fil-lokalità ta’ San Ġiljan, volontarjament għamel ħsara fuq vettura tal-għamla Nissan, b’numru ta’ reġistrazzjoni OQZ 071, għad-detriment ta’ Meli Car Rentals Limited, liema ħsara tammonta għal iżjed minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500);

Akkużat ukoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li

għandu, bl-awtorità tiegħu nnifsu, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor;

Akkużat ukoll talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, f'lok pubbliku jew miftuħ għall-pubbliku, instab fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jieħu ħsieb tiegħu innifsu.

Il-Qorti ġiet mitluba li tapplika l-Artikolu 28H tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta għall-kumpens tal-ħsarat, mas-sentenza li jidhrilha xierqa.

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatu zmien biex jikkonsidra l-istess ammissjoni;

Semghet lill-prosekuzzjoni u lid-difiza jitrattaw dwar il-piena;

Semghet lid-difiza tiddikjara li l-imputat kien lest li jaghmel tajjeb ghad-danni kagunati;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn huma sodisfacentement ippruvati;

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt li ddikjara li jrid jaghmel tajjeb ghall-hsarat kagunati minnu.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 (1), 325 (1) (a) u 338 (ff) tal-Kodici Kriminali, qieghda tiddikjara lill-imputat **Nicolas Jesus Rivera Cordero** hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal **sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-artikolu 28A (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal erba' snin (4) mil-lum.**

**Ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali il-Qorti qieghda tordna lil Nicolas Jesus Rivera Cordero ihallas lil Meli Car Rentals Limited is-somma ta' erbat elef, tliet mija u sebgha u disghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€4397.76) rapprezentanti danni kkagunati minnu u dana sal-5 ta' Novembru 2018.**

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba' (4) snin mil-lum jew jekk ma jhallasx id-danni msemmija fil-paragrafu precedenti sad-data stabbilita.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur